MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 739/2006

**Carmena Muscat**

**Vs**

**Frank u Mary Louise sive Marisa konjugi Said u b'digriet tat-13 ta' Settembru 2007 giet imsejha fil-kawza s-socjeta Bank of Valletta plc**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-8 ta' Awissu 2006, l-attrici ppremettiet:

1. *Illi fis-sena elfejn u wiehed (2001), l-konvenuti kienu jirrisjedu flimkien ma' l-attrici gewwa l-fond Flat 3 , JG Court B, Triq il-Mensija, San Gwann;*

2. *Illi l-istess konvenuti kien wieghdu lill-attrici li huma kienu sejrin jiehdu hsieba u jduru bijha, in vista ta' l-eta' u d-dizabilita' li ssofri minnha l-istess attrici;*

3. *Illi f'xi zmien l-konvenuti kienu avvicinaw lill-attrici u talbuha sabiex taghmel testement pubbliku li permezz tieghu tassenja a favur taghhom il-fond bin-numru 3 formanti parti mill-blokk ta' bini bin-numru ufficjali hmistax (15) u bl-isem ta' J.G. Court ittra B, Triq il-Mensija, San Gwann, wara l-mewt taghha u dana bhala kumpens ghal fatt li huma kienu qieghdin jiehdu hsieba;*

4. *Illi kien ghalhekk li nhar il-hamsa ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed, l-istess konvenuti kienu akkumpanjaw lill-attrici gewwa l-ufficju tan-Nutar Joseph Debono sabiex hija kif del resto tawha x'tifhem l-istess konvenuti, taghmel dan it-testment;*

5. *Illi xi zmien wara l-konvenuti kienu nfurmaw lill-attrici li sabiex hija tiffinalizza t-testment taghha kella takkumpanjhom il-bank;*

6. *Illi fi Frar tas-sena elfejn u tnejn l-attrici marret gewwa l-Bank of Valletta p.l.c. sabiex skond ma hasbet hi, tiffinalizza t-testment li kienet ghamlet precedentament;*

7. *Illi meta saru d-debiti ricerki fir-Registru Pubbliku f'April tas-sena elfejn u sitta (2006) rrizulta u l-attrici giet a konoxxenza tal-fatt, li nhar il-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono l-attrici ttrasferiet b'titolu ta' bejgh lill-konvenuti "l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti mill-blokk ta' bini bin-numru ufficjali hmistax (15) u bl-isem ta' J.G. Court ittra B, Triq il-Mensija, San Gwann kif sogett ghad-dritt ta' uzu u uzufrutt tul hajjitha kollha l-istess komparenti venditrici, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu." [kopja hawn annessa u mmmarkata bhala Dok CM1];*

8. *Illi permezz ta' att pubbliku tat-tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono, l-konvenuti hadu self minghand is-socjeta' Bank of Valletta p.l.c.; [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok CM2];*

9. *Illi jirrizulta minn dan l-istess att li l-attrici tat il-kunsens taghha ghall-kundizzjonijiet kollha ta' dan l-att inkluz li l-Bank of Valletta p.l.c. iskriva "ipoteka generali kontra d-debituri u ipoteka specjali u privilegg specjali fuq l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) formanti parti mill-blokk ta' bini bin-numru ufficjali (15) u bl-isem ta' J.G. Court ittra B, Triq il-Mensija, San Gwann, kif soggett ghad-dritt ta' uzu u uzufrutt tul hajjitha kollha favur Carmen Muscat, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.";*

10. *Illi fl-att tal-hamsa ta' Novembru elfejn u wiehed, gie dikjarat li l-attrici thallset somma ta' flus minghand il-konvenuti bhal konsiderazzjoni ghat-trasferiment tal-proprjeta' in kwistjoni, liema dikjarazzjoni hija falza u mhux veritiera;*

11. *Illi l-kunsens ta' l-attrici f'dawn iz-zewg istanzi kien vizjat minhabba l-esercizzju ta' vjolenza fuq il-persuna ta' l-attrici da parti tal-konvenuti, zball fuq il-fatti, kif ukoll minhabba l-eghmil doluz ossia frodi ta' l-istess konvenuti u kwindi iz-zewg kuntratti in kwistjoni huma nulli u bla ebda validita' fil-ligi kif sejjer jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;*

12. *Illi di piu' z-zewg kuntratti in kwistjoni huma nulli in kwantu huma bbazati fuq kawza falza u illecita' kif sejjer jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;*

13. *Illi z-zewg kuntratti in kwistjoni huma affliti minn simulazzjoni u kwindi nulli u bla ebda validita' fil-ligi;*

14. *Illi l-attrici ghandha dritt li jigu ritornati lilha dak li dahhlu u/jew ircevew b'konsegwenza tal-kuntratti hawn fuq citati u l-benefikati kollha li ghaddew favur tal-konvenuti b'rizultat ta' l-istess u/jew li jithallas lilha kumpens ghall-istess;*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenta umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti pubblici tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001)[Dok CM1] u t- tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dok CM2] fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nulli u bla effett fil-ligi u dan minhabba li l-kunsens ta' l-attrici kien vizjat minhabba vjolenza, zball fuq il-fatti, u/jew eghmil doluz ossia frodi tal-konvenuti;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti pubblici tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001)[Dok CM1] u t- tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dok CM2] fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nulli u bla effett fil-ligi u dan minhabba li bbazati fuq kawza falza u illecita;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti pubblici tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001)[Dok CM1] u t- tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dok CM2] fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nulli u bla effett fil-ligi u dan minhabba li z-zewg kuntratti huma affliti minn simulazzjoni;*

4. *Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippublika l-att ta' rexissjoni opportun u kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq dak l-att u tiffissa data, lok u hin ghal tali pubblikazzjoni;*

5. *Tiddikjara u tiddeciedi illi kull kumpens, dhul, meljorament jew benefikat li l-*

*konvenuti dahhlu u/jew ircevew b'konsegwenza tal-kuntratti hawn fuq citati, l-benefikati li saru fil-fond mill-attrici u li ghalhekk il-konvenuti ddekadew irremedjabilment u irrevokabolment min kwalsiasi dritt, azzjoni jew pretensjoni ta' kumpens naxxenti minn dawn, ghandhom jigu ritornati l-istess lill-attrici jew ihallsu kumpens ghall-istess;*

*U sussidjarjament jekk dak mitlub fl-ewwel, t-tieni u t-tielet talba m'huwiex possibli:*

6. *Tiddeciedi u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici;*

7. *Tillikwida anke okkorendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mill-attrici;*

8. *Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu d-danni hekk likwidati lill-attrici;*

9. *Tikkunanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-prezenti kawza;*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-7 ta' Mejju 2007 il-konvenuti Said eccepew:-

1. *Illi preliminarjament il-konvenuti jeccepixxu illi l-gudizzju f'din il-kawza m'huwiex integru u dana billi l-attrici qed titlob li jigi rexiss anke l-att pubbliku iddatat 8 ta' Frar 2002 kellu wkoll jitqieghed fil-kawza bhala konvenut l-Bank of Valletta plc li kien parti fl-imsemmi kuntratt;*

2. *Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici ghal dak li jirrigwardja l-ewwel tlett darbiet dawn huma preskritti permezz tal- perjodu ta' sentejn perentorju ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili;*

3. *Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici ghal dak li jirrigwardja s-sitta, is-seba' u tmien talba attrici dawn huma preskritti permezz tal-perjodu ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal- Kodici Civili;*

4. *Illi, preliminarjament ukoll, il-konvenuti jecepixxu n-nullita tar-rikors promutur – mahluf-attrici ai termini tal- Artikolu 789(1)(d) tal- Kapitlu 12 tal- Ligijiet ta' Malta u dana billi l-attrici permezz tar-rikors promutur taghha u bi ksur tal-principju kardinali 'electam una via non datum recursus ad alteram' qieghedha tipprova tittenta taghmel diversi azzjonijiet f'kawza wahda liema azzjonijiet separati u distinti minn xulxin f'kawza wahda, senjatament azzjoni sabiex tigi annullata skrittura minhabba vjolenza, zball fuq fatti, frodi, illecita', qieghedha tipprova tittenta wkoll taghmel l-'actio simulatoria', 'actio de in rem verso'[hekk kif jirrizulta mill-hames talba attrici] u*

*kawza ghad-danni fl-istess kawza u fl-istess nifs u liema talbiet huma inkompatibbli ma' xulxin, liema vjolazzjoni ma tistax tissewwa taht l-ebda disposizzjoni ohra tal-ligi.*

5. *Illi, in linea preliminari wkoll, il-konvenuti jecepixxu illi r-rikors promutur u mahluf imressaq mill-attrici huwa null ghal dak li jirrigwardja mis-sitt sat-tmin talba u dana billi m'hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni ta' tali talbiet u dana ai termini tal-Artikolu 156 (1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema nuqqas ma jistax jissewwa u m'huwix salvabbli skond il-ligi u dana minhabba l-fatt illi filwaqt li l-attrici qed titlob danni fil- premessi tar-rikors promutur taghha ma nsibu l-ebda premessa jew premessi jew menzjoni ghall-fatt illi l-attrici sofriet xi danni;*

6. *Illi l-konvenut jecepixxu illi l- pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi l-kuntratti hemmhekk imsemmija huma assolutament validi u l-allegazzjonijiet maghmula mill-istess attrici fir-rikors promutur taghha huma totalment inveritieri hekk kif se jipprovaw l-istess konvenuti waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

7. *Illi l-konvenuti jirrivelaw illi ghal ghal dak li jirrigwardja s-seba' premessa attrici m'huwa minnu xejn hekk kif qieghedha l-istess attrici li hija bdiet tivvanta dawn l-allegazzjonijiet taghha mis-sena 2006 u dana tant huwa hekk illi fis-27 ta' Ottubru 2004 hija kienet gja' interpellat lill- konvenuti [Ara Dok 'FS1'] permezz ta' ittra legali. Fil-fatt dawn l-allegazzjonijiet l-attrici bdiet tressaq circa tlett xhur qabel ma bghatet din l-ittra;*

8. *Illi l-konvenuti jirrilevaw illi ghal dak li jirrigwardja il-hames talba attrici, din ghandha tigi michuda minn din il- Qorti billi fl-ewwel lok il-pretensjoni shiha mressqa mill-attrici hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt; fit-tieni lok din it-talba hija wahda guridikament insostenibbli billi hija talba inkompatibbli kemm ma' l-ewwel tlett talbiet attrici kif ukoll mas-sitta, seba' u tmien talba; fit-tielet lok u minghajr ebda pregudizzju ghall-posizzjoni li qed jiehdu l-konvenuti f'din il-kawza jinkombi fuq l-istess konvenuti li jipprovaw dak li qed isostnu;*

9. *Illi l-konvenuti jirrilevaw li in kwantu s-sitta , seba' u tmien talba attrici, huma ma ikkagunaw l-ebda dannu lill-attrici u m'ghandhom igorru l-ebda responsabbilta' f'dan ir-rigward;*

10. *Illi, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal aktar 'il fuq , l-attrici ma soffriet l-ebda dannu u trid tipprova id-dannu li hija soffriet fi kwalunkwe kaz*.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fl-1 ta' Novembru 2007, il-bank imsejjah fil-kawza wiegeb:

1. *Illi l-esponenti ma hija konsapevoli ta' ebda vjolenza, zball fuq fatti, ghemil doluz, kawza falza u illecita ossia simulazzjoni kif allegat fir-rikors guramentat, u*

*assolutament tichad illi hija kienet b'xi mod kompartecipi f'tali agir jekk dan effettivament sehh.*

2. *Illi, l-esponenti ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Frank u Mary Louise sive Marisa konjugi Said in forza tal-kuntratt tat-8 ta' Frar tas-sena 2002 kif jirrizulta mid-Dok. CM2 esebit flimkien mar-Rikors Guramentat, liema konnessjoni saret in buona fede u fil-kors normali tan-negozju tal-esponenti u ghalhekk it-talbiet ghar-rexxissjoni tal-imsemmi kuntratt huma guridikament u fattwalment infondati.*
3. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-ewwel tlett talbiet attrici huma preskritti bil-perjodu ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili.*
4. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti tistqarr illi, hlief ghall-facilitajiet bankarji li hija tat lill-konvenuti kif gia msemmi, hija ma kellhiex u m'ghandhiex l-ebda konoxxenza dwar il-fatti allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk minn issa qed tirrizerva id-drittijiet taghha kontra l-attrici kif ukoll il-konvenuti kif naxxenti mill-kuntratt tal-facilitajiet bankarji tat-8 ta' Frar 2002 u skritturi ohra bankarji firmati mill-istess attrici u konvenuti.*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Wara s-sentenza preliminari tal-14 ta' Dicembru 2012 l-attrici ddikjarat li kienet qeghda titlob ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ***".... Ghaliex il-kunsens kien vizjat minhabba eghmil frawdolenti u doluz"*** (fol. 244).

   Il-principju generali hu li l-kuntratti huma prezunti validi u jirriflettu l-volonta kuntrattwali bejn il-partijiet. Min jallega vizzju tal-kunsens ghandu l-obbligu li jressaq *"…… biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, konkluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu"* (ara **Gourmet Co Ltd et vs Mariano Vella** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 2001).

   L-Artikolu 981 tal-Kodici Civili jipprovdi:

   *"(1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.*

   *(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat".*

Fil-kawza **Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia et** deciza fil-31 ta' Marzu 1967, il-Qorti tal-Appell spjegat:

*"… id-dolo jikkonsisti fir-rieda hazina ta' wiehed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq ('raggiri') biex tiddevja r-rieda tal-iehor billi tipprovoka zball ('errore'). Infatti, ikkunsidrat min-naha tad-deceptor, id-dolo hu raggir waqt li, kkunsidrat min-naha tad-deceptus, hu zball. Il-ligi, li diga' tikkontempla l-izball bhala vizzju tal-kunsens ghar-rasu, thares f'dan il-kaz aktar il-boghod lejn il-kawza tieghu u twassal ghall-annulament tal-kuntratt anki meta l-izball ma jkunx guridikament sufficjenti biex wahdu igib ghan-nullita"*.

L-oneru tal-prova qieghed fuq l-attrici.

2. L-attrici tallega vizzju tal-kunsens minhabba qerq fir-rigward ta' kuntratti li saru:-

   i. **Fil-5 ta' Novembru 2001** pubblikat min-nutar Dr Joseph Debono li bih bieghet lill-konvenuti Said l-appartament numru 3 fil-blokk numru 15, J.G. Court, B, Triq il-Mensija, San Gwann ghall-prezz ta' Lm18,000 (fol. 6). Fil-kuntratt jinghad li l-attrici ghandha l-jedd reali ta' uzu u uzufrutt tal-fond, tul hajjitha kollha.
   ii. **Fit-8 ta' Frar 2002** atti nutar Dr Joseph Debono li bih Bank of Valletta plc ta b'self lil Said is-somma ta' Lm20,000. Il-fond fuq imsemmi nghata b'garanzija ghad-dejn. L-attrici kienet firmatarja fejn tat il-kunsens taghha *"….. ghall-kundizzjonijiet kollha ta' dana l-istess att, u dan quddiem ix-xhieda Dottor Melanie Mangion, bint Saviour Mario Mangion u Marie Louis nee Genovese, residenti Attard u Victoria Chetcuti, bint Joseph Chetcuti u Mary nee Cortis residenti Sliema"* (fol. 9)

3. Il-qorti tibda biex tosserva li l-kuntratt tat-8 ta' Frar 2002 (fol. 9) ma jistax jigi rexxiss. B'dak il-kuntratt il-Bank of Valletta plc ta self lill-konvenuti Said, u bhala garanzija nghata l-immobbli li xtraw minghand l-attrici. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici kkonfermat li m'hijiex tallega li giet ingannata mill-Bank of Valletta plc. Mela ma tistax titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt fuq il-kawzali fuq imsemmija. M'huwiex bizzejjed li jigi pprovat ingann mill-konvenuti Said.

4. L-attrici kellha taghti prova li meta fil-5 ta' Novembru 2001 sar il-bejgh, il-kunsens taghha kien vizjat minhabba ingann maghmul mill-konvenuti Said. In kontro-ezami (fol. 127-130, seduta tat-12 ta' Marzu 2010) l-attrici qalet li:

   - Il-konvenuti Said qatt ma qalulha biex taghmel testment.
   - Meta marret ghand in-nutar ma kenitx ser taghmel testment.

- In-nutar Debono ma qalilhiex biex taghmel testment.
- Kienet marret il-bank. Ma tafx x'marru jaghmlu hemmhekk. Qalet li dakinhar ma kienx inqara testment quddiemha.
- Dakinhar ma tafx li ghamlet salib fuq dokument. Pero' qalet li kien hemm tnejn min-nies li ffirmaw minflokha. Kompliet tghid li ma ghamlet l-ebda salib.
- Staqsiet lin-nutar x'marru jaghmlu l-bank u ma wegibx.
- Meta marru l-bank ma kienx inqara kuntratt u ma kenitx taf li ser isir kuntratt. Dakinhar hasbet li ser isir testment. Mistoqsija jekk talbitx biex xi hadd ighidilha x'qieghed jigri, qalet *"Hadd ma ccarali xejn"*. Mistoqsija *"Imma staqsejt"*, wiegbet: *"Le ma staqsejtx ghax ma taghmilx kurzita' bija"* (fol. 147).
- Flus minghand il-konjugi Said ma rcevietx.
- Testment ghamlet wiehed mar-ragel u taf x'inhu testment.
- In-nutar Debono ma spjegax li kienet qeghda tbiegh l-appartament.
- Ma kenitx taf ghalfejn kienet sejra ghand in-nutar Debono fl-ufficcju tal-Qrendi. Mistoqsija x'fehemet li ser isir qalet: *"Lanqas naf ta"* (fol. 157) u li l-konvenut Said ma kienx spjegalha ghalfejn sejrin ghandu. Qalet ukoll li ma staqsitx ghalfejn sejrin ghand in-nutar Debono.
- Insiet x'diskors kien sar ghand in-nutar Debono fl-ufficcju tieghu tal-Qrendi. Iffirmat karta izda ma kenitx taf x'fiha.
- Meta marru l-bank il-Belt, hadd ma qalilha x'sejrin jaghmlu. Pero kkonfermat li ffirmat izda ma tafx x'iffirmat. Mistoqsija: "Id-domanda allura hija ghaliex ghat-tieni darba deherlek li ghandek tiffirma xi haga li ma tafx x'qed tiffirma ghaliha ?" wiegbet: *"Ghax injoranta"* (fol. 166).

Pero' fl-affidavit tat-18 ta' Marzu 2010 (fol. 127-130) tat spejgazzjoni totalment differenti, fejn qalet li meta marret ghand in-nutar Debono: *"Jien fhimt li kelli naghmel testment. Morna ghand in-Nutar Joseph Debono biex naghmlu dan it-testment"* (fol. 127) u li *"Ftit zmien wara Marisa u r-ragel taghha qaluli li kelli mmur l-Belt maghhom sabiex nlestu ghal kollox it-testment u jien mort maghhom. Naf li morna x'imkien quddiem il-Palazz il-Belt"* (fol. 128). Din hi l-bazi tal-azzjoni attrici. Fil-fatt fil-premessi tar-rikors guramentat jinghad:-

*"3. Illi f'xi zmien l-konvenuti kienu avvicinaw lill-attrici u talbuha sabiex taghmel testment pubbliku li permezz tieghu tassenja a favur taghhom il-fond bin-numru 3 formanti parti mill-blokk ta' bini bin-numru ufficjali hmistax (15) u bl-isem ta' J.G. Court ittra B, Triq il-Mensija, San Gwann, wara l-mewt taghha u dana bhala kumpens ghal fatt li huma kienu qieghdin jiehdu hsiebha.*

*4.Illi kien ghalhekk li nhar il-hamsa ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed, l-istess konvenuti kienu akkumpanjaw lill-attrici gewwa l-ufficcju tan-Nutar Joseph Debono sabie hija kif del resto tawha x'tifhem l-istess konvenuti, taghmel dan it-testment;*

*5.Illi xi zmien wara l-konvenuti kienu nfurmaw lill-attrici li sabiex hija tiffinalizza t-testment taghha kellha takkumpanjahom il-bank;*

*6. Illi fi Frar tas-sena elfejn u tnejn l-attrici marret gewwa l-Bank of Valletta plc sabiex skond ma hasbet hi, tiffinalizza t-testment li kienet ghamlet precedentement"* (fol. 1).

Hu evidenti li l-ingann li qeghda tipprospetta l-attrici hu li filwaqt li nghatat x'tifhem li kienet ser taghmel testment fir-realta' bieghet il-fond lill-konvenuti Said minghajr ma kienet taf. Pero' mehud in konsiderazzjoni dak li xehedet l-attrici in kontro-ezami, il-bazi tal-kawza tfalli.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta ghamlet enfazi li hi *"... mara ta' circa sebghin sena, li ma tafx taqra u tikteb u afflitta minn kundizzjoni prekarja li regolarment kienet tiddahhal l-isptar u li finalment spiccat biex anke tilfet riglejha – persuna ghalhekk vulnerabbli ghall-ahhar"*. Hu minnu li mill-file mediku (fol. 106) jirrizulta li l-attrici kellha problemi ta' sahha[1]. Pero' mill-istess dokument ma rrizultax li fil-perjodu tal-pubblikazzjoni tal-kuntratti kienet qeghda tircievi xi kura medika fl-isptar li seta' wassal biex il-konjugi Said sabuha f'mument ta' dghjufa li jaghmilha iktar suxxettibbli ghal xi manuvri. Jinghad ukoll li fil-11 ta' Lulju 2003 dahlet fl-isptar Zammit Clapp ghall-fizjoterapija. Fir-rapport, li nkiteb minn nurse, jinghad li l-persuna responsabbli ghaliha hi l-konvenuta Marisa Said u li l-attrici ma tbatix minn *"psychological problems"*. Inoltre, 'l fatt li l-attrici hi illitterata ma jfissirx li ma kenitx taf x'qieghed jigri madwarha.

Il-qorti ma tistax tiskarta dak li qalet l-attrici fil-kontro-ezami. Fl-ebda parti tad-deposizzjoni ma qalet li fehemet li kienet qeghda taghmel testment. Dan kuntrarjament ghal dak li ddikjarat fir-rikors guramentat u l-affidavit. 'Il fatt li l-attrici ghandha problemi ta' sahha ma jiggustifikax l-ghoti ta' verzjonijiet differenti, fuq il-punt principali, u dan f'perjodu ta' ftit iktar minn xahar[2].

5. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ghamlet accenn ghal fatt li:-

(a) fil-kuntratt ta' bejgh jinghad li s-somma ta' Lm13,000 kienet qieghda tithallas fuq l-att meta fil-fatt dakinhar ma sarx hlas.

[1] Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ssemmiet li tilfet riglejha, pero mill-file mediku jirrizulta li dan sehh fl-2005, igifieri snin wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratti oggett tal-kawza.

[2] L-affidavit sar fit-18 ta' Frar 2010 filwaqt li l-kontro-ezami fit-12 ta' Marzu 2010, cjoe' inqas minn xahar wara.

(b) filwaqt li fil-kuntratt ta’ Novembru 2001 gie ddikjarat li l-fond hu mibni u fi *stat finished* u *furnished*, fil-kuntratt ta’ Frar 2002 iddikjaraw li qeghdin jiehdu self minghand il-Bank of Valletta plc sabiex isiru xogholijiet ta’ *"….. kostruzzjoni, alterazzjoni u benefikati strutturali fuq il-proprjeta….."* (fol. 9).

Pero’ fuq dawn ‘il fatti biss il-qorti m’hijiex f’posizzjoni li tikkonkludi li l-konvenuti Said ingannaw lill-attrici. L-ingann li pprospettat l-attrici kien li l-konjugi Said gieghluha temmen li qeghda taghmel testment meta fir-realta’ bieghet il-proprjeta. Prova ta’ dan m’hemmx meqjus il-verzjonijiet konfliggenti li tat.

6. Ghall-qorti m’huwiex kredibbli li l-attrici fehemet li marret darbtejn biex taghmel testment. Il-kuntratt ta’ bejgh gie ppubblikat fil-5 ta’ Novembru 2001 fl-ufficcju tan-nutar il-Qrendi filwaqt li l-kuntratt ta’ self gie ppubblikat fit-8 ta’ Frar 2002 fl-ufficcju tal-Bank of Valletta plc fil-Belt. Il-qorti tosserva li:-

(a) L-attrici kkonfermat li kienet diga’ ghamlet testment ma’ zewgha. Mela kienet taf x’ifisser li taghmel testment.
(b) Jekk kif qalet, it-tieni darba marret tikkonkludi t-testment ma kenitx ser tmur l-ufficcju tal-Bank of Valletta plc.
(c) Fis-26 ta’ Jannar 2002 l-attrici ghamlet testment (ara kopja a fol. 218). Mela mhux kredibbli li fit-8 ta’ Frar 2002 il-konjugi Said qalulha biex tmur maghhom f’ufficcju l-Belt sabiex tlesti t- testment.
(d) Mill-provi ma rrizultax li l-attrici kellha xi patrimonju tali li kien jehtieg li t-testment ma jsirx f’darba.
(e) Fuq il-kuntratt tat-8 t’a Frar 2002 deheru wkoll Joseph Mary Formosa ghal Bank of Valletta plc u x-xhieda Dr Melanie Mangion u Marie Louise Genovese. L-att li gie ppubblikat quddiem kulhadd ma kienx testment izda kuntratt ta’ self. Jekk l-attrici ma kenitx attenta u ma tatx kaz x’qieghed jigri mhu tort ta’ hadd hlief taghha.

Il-qorti hi moralment konvinta li dan il-kaz inqala’ ghas-semplici raguni li l-attrici iggieldet mal-konjugi Said filwaqt li rrangat id-differenzi li kellha ma’ bintha Sylvana Gauci. Issa qeghda tipprova tirrimedja ghal dak li ghamlet konxament.

7. Permezz tat-tielet eccezzjoni l-konjugi Said qalu li s-sitt, seba’ u tmien talba huma preskritti skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Il-bazi tal-azzjoni tal-attrici hi l-frodi. Ghalhekk japplika l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili.

8. Permezz tas-sitt, seba’ u tmien talba l-attrici qeghda titlob id-danni minghand l-atturi. Pero’ gialadarba l-attrici ma tatx prova li l-konjugi Said ingannawha bil-mod kif spjegat fir-rikors guramentat, dawn it-talbiet ma jistghux jirnexxu.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tiddikjara li minhabba dak dikjarat fin-nota tal-15 ta' Jannar 2013 (fol. 244), it-tieni eccezzjoni tal-konjugi Said hi llum ezawrita (ara parti dispozittiva tas-sentenza preliminari). L-istess jinghad fir-rigward tar-raba' eccezzjoni.**
2. **Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konjugi Said bl-ispejjez kontra taghhom.**
3. **Tilqa' s-sitt u disa' eccezzjoni tal-konjugi Said.**
4. **Tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Bank of Valletta plc.**
5. **Tichad it-talbiet tal-attrici.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq l-ispejjez kollha a karigu tal-attrici.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------